MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2007

Numru. 450/2002

Il-Pulizija
(Spettur Chris Galea Scannura)
(Spettur Morgan Azzopardi)

vs

Victor Pisani

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ l-imputat, Victor Pisani, ta’ 54 sena, iben Angelus u Carmela nee’ Buttigieg, imwieled Pieta fl-20 ta’ Settembru, 1947 u residenti No. 8 Starlight, Triq id-Dliela, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 862247M, li gie mressaq quddiemha akkuzat talli fit-30 ta’ Dicembru, 2001, f’Wied il-Ghajn, wara nofsinhar, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew

immobbli, liema hsara tiskorri hamsin lira Maltin (LM50), imma ma teccediex hames mitt lira Maltin  (LM500), ghad-detriment ta’ Maria Daisy Mizzi ID 409159M;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku;

U aktar talli fl-istess data, f’Haz-Zabbar, wara nofsinhar, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, ghamel hsara fil-vettura MG Metro bin-numru ta’ registrazzjoni IAP-351, liema hsara teccedi hamsin lira Maltin (LM50), imma ma tiskorriex hames mitt lira Maltin (LM500), ghad-detriment ta’ Maria Daisy Mizzi ID 409159M;

Il-Qorti kienet gentilment mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna ta’ Maria Daisy Mizzi u familjari taghha ai termini tal-artikolu 383 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat 3 ta’ Mejju, 2002, sabiex il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-4 ta’ Settembru, 2002 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-kaz jirrigwarda ncident li nqala fit-30 ta’ Dicembru, 2001 fl-Awwista Bar, Marsascala. Maria Daisy Mizzi fil-fatt ghamlet rapport lill-Pulizija li waqt li kienet fl-imsemmija lokalita’ l-imputat Victor Pisani, li kien l-*ex partner* taghha, kien hebb ghaliha u kisrilha l-*mobile phone*.  Din Mizzi rrapurtat ukoll li aktar tard matul l-istess gurnata hija kienet halliet il-vettura taghha bin-numru tar-registrazzjoni IAP 351 ipparkeggjata wara l-bieb tad-dar taghha f’ Haz Zabbar u xi ftit tal-hin wara hija semghat hoss kbir u meta

ttawlet ghal barra rat lill-imputat qed jipparkeggja l-vettura tieghu quddiem il-vettura taghha u wara xi hin hija sabet hsarat fil-parti ta' quddiem tal-istess vettura.

Fl-istqarrija li rrilaxxja lil Pulizija fit-12 ta' Jannar, 2002 (esebita *a folio* 17 tal-process) l-imputat kien ammetta li kisser il-*mobile phone* proprjeta' ta' Maria Daisy Mizzi. Huwa fil-fatt qal li fit-30 ta' Dicembru, 2001 dahal l-Awwista
Bar and Restaurant, Wied il-Ghajn fejn kien hemm Maria Daisy Mizzi, ha l-*mobile* taghha tal-marka Nokia minn fuq il-mejda hareg barra u qasam il-*mobile phone* b'idejh. Fl-istess stqarrija huwa cahad li kien ghamel hsara fil-vettura ta' Maria Daisy Mizzi aktar tard fl-istess gurnata. Meta xehed quddiem din il-Qorti fis-seduta tat-12 ta' Mejju, 2005 l-imputat Victor Pisani ta verzjoni tal-fatti differenti dwar l-incident tal-*mobile phone*. Huwa fil-fatt qal li meta dahal fl-Awwista Bar and Restaurant kien ra lil Mizzi bil-*mobile phone* fuq il-mejda quddiemha u huwa ghalhekk mar hdejha u staqsiha il-ghala ma kienetx qed tirrispondi t-telefonati tieghu. Meta hija rrisponditu li l-*mobile phone* ma kienx daqq huwa qabad dan it-telefon u Mizzi qamet u pruvat tiehdu lura minn idejh u l-*mobile* inkiser b' dan il-mod. L-imputat cahad li huwa kien ghamel xi hsara fil-vettura ta' Maria Daisy Mizzi aktar tard dakinhar li nqala' l-incident tal-Awwista Bar & Restaurant.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa il-provi kollha mressqa mill-Prosekuzzjoni in kwantu jirrigwarda l-akkuzi migjuba fil-konfronti tal-imputat u jidrilha li l-ewwel akkuza tirrizulta ampjament pruvata sal-grad rikjest mil-Ligi fil-kamp kriminali. Fil-fatt l-imputat fl-istqarrija minnu rilaxxjata xi jiem wara li sehh l-incident tat-30 ta' Dicembru, 2001 jammetti li huwa kien qabad il-*mobile phone* tal-marka Nokia proprjeta' ta' Maria Daisy Mizzi u kisser l-istess *mobile*. Ghalkemm meta xehed quddiem din il-Qorti l-imputat ta verzjoni differenti tal-fatti u indika li l-hsara fil-*mobile phone* giet kagunata minnu involontarjament. Il-Qorti jidrilha li ghandha temmen il-verzjoni tal-fatti moghtija minn Maria Daisy Mizzi fir-rigward u l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat *a tempo vergine*.

Mill-provi rrizulta li l-*mobile phone* in kwistjoni kien inxtara fl-1 ta' Ottubru 2001 ghall-prezz ta' mija u sittin lira Maltin (Lm160), (ara ricevuta relattiva esebita *a folio* 16 debitament konfermata mix-xhud Chris Camilleri fis-seduta tat-3 ta' Marzu, 2004). Irrizulta ghalhekk li l-hsara kagunata ma kienetx teccedi l-hames mitt lira Maltin (Lm500) u li ghalhekk l-imputat ghandu jinstab hati skond dak li jiddisponi l-Artikolu 325 (1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

In kwantu jirrigwarda t-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat din hija preskritta *ai termini* tal-Art. 688 (f) tal-Kap. 9 stante li l-incident *de quo* sehh fit-30 ta' Dicembru, 2001 filwaqt li l-akkuzi odjerni nhargu fis-17 ta' Mejju, 2002, u cioe' oltre tlett xhur stabbiliti ghal akkuza ta' natura kontravenzjonali bhal ma hi t-tieni akkuza.

Permezz tat-tielet akkuza l-imputat qed jigi akkuzat li kkaguna hsara ta' natura involontarja fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAP 351 proprjeta' ta' Maria Daisy Mizzi. Fir-rigward ta' din l-akkuza il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mid-Difiza fis-sens illi ma jistax jinghad li gie pruvat sal-grad rikjest mil-Ligi li l-imputat ikkaguna hsara involontarja fil-vettura ta' Mizzi. Hadd ma ra lill-imputat jikkaguna tali hsara. Maria Daisy Mizzi meta xehdet fis-seduta tal-24 ta' Ottubru, 2002, fil-fatt kull ma qalet f' dan ir-rigward kien li semghet hoss u meta harset mit-tieqa rat lill-imputat jipparkegga l-vettura tieghu hdejn taghha. Hija izda dak il-hin ma nizlitx hdejn il-vettura taghha u l-hsara hija tghid li rriskontrata xi sieghat wara. Inoltre jidher li waqt l-investigazzjonijiet ma saret ebda verifika dwar jekk kienx hemm hsarat fil-vettura tal-imputat li setghu kienu kompatibbli mal-hsara riskontrata minn Maria Daisy Mizzi fil-vettura taghha.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat kien accetta li jaghmel tajjeb ghall-hsara kkagunata fil-*mobile phone* proprjeta' ta' Maria Daisy Mizzi u anki tal-fatt li mir-rapport esebit a folio 39 tal-process jirrizulta li l-imputata kienet stqarret mal-Pulizija li ma riditx li jittiehdu proceduri kriminali fil-konfront tal-

imputat u ghalhekk il-Qorti jidrilha li m'huwiex opportun li tigi mposta piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Art. 325(1)(b) u l-Art. 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara lill-imputat hati tal-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah prigunerija ta' seba' (7) xhur sospiza ghal sena millum, tiddikjara it-tieni akkuza preskritta *ai termini* tal-Artikolu 688 (f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddikjara lill-imputat mhux hati tat-tielet akkuza u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------